Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 23 ta' April 2008 fl-4.00 p.m..

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Assenti:** | Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M<br>. |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa u Ġieħ Ħal Luqa
5. Financial Statements 2007/2008
6. Mozzjonijiet
7. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 12 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondata mis-Sinjura Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-23 ta' April 2008, fosthom ;

a) ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tgħarraf lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja tiegħu għas-sena 2008-2009 hija ta' €264,999.

b) ittra minn *St. Joseph Junior Lyceum, Paola*, dwar il-*Prize Day* ta' l-Iskola. Il-Kunsill approva li tingħata donazjoni f' *book tokens* għal dik l-okkażjoni.

c) *e-mail* mill-Presedent ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, is-Sur Michael Cohen li tinforma li l-Pulizija tat-traffiku ġew mgħammra bis-sistema komputerizzata tal-LES.

d) e-mail mill-AKL li tinforma dwar il-proċess li kien għaddej dwar it-tqassim ta' boroz mill-Kunsilli Lokali għall-introduzzjoni tas-sistema ta' separazzjoni ta' l-iskart .

e) ittra mill-Kappillan tal-Parroċċa li titlob għal donazzjoni bħala parti mill-ispiża li tħallset għar-rampa li saret ħdejn il-knisja. L-ittra titlob ukoll it-trasferiment tal-Parking għal persuni b'Diżabilita minn Triq 9 ta' April għal Misraħ il-Knisja.

f) ittra minn TCTC dwar il-programm e-Tfal li jipprovdi għal numru ta' korsijiet tal-*computer* għal matul ix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill qabel li jidħol fi ftehim ma' TCTC biex ikunu jistgħu jsiru dawn il-korsijiet.

- Ġiet ukoll innotata l-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata minn Dr. Frank Psaila.

## 4. JUM ĦAL LUQA u ĠIEĦ ĦAL LUQA

4.1 Is-Sindku John Schembri qal li peress JUM ĦAL LUQA , il-15 ta' Mejju jaħbat fost il-ġimgħa, u peress li fil-*weekend* ta' fuq il-15 ta' Mejju fir-raħal se jkun hemm il-Praċett tat-tfal, kien qiegħed jipproponi biex iċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' ''Gieħ Ħal Luqa'' issir il-Ħadd, 11 ta' Mejju u fil-15 tax-xahar issir il-quddiesa tradizzjonali bis-sehem tal-kor kif ukoll il-ħarġa tas-soltu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

4.2 Dwar l-għoti ta' ''Ġieħ Ħal Luqa'' is-Sindku talab għal nominazzjonijiet. Is-Sindku John Schembri ssekondat mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna nnomina lis-Sinjorina Antida Debono għas-sehem twil li tat fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Nomina oħra saret mis-Sur Victor Caruana. Issekondat minn Dr. Frank Psaila, is-Sur Caruana nnomina lis-Sur Pawlu Tonna bħala persuna li ħadmet u għadha taħdem volontarjament fost il-persuni b'diżabilita'.

4.3 Wara diskussjoni fuq iż-żewġ nominazzjonijiet, il-Kunsill qabel unanimament li ''Ġieħ Ħal Luqa 2008'' jingħata liż-żewġ persuni nominati, lis-Sinjorina Antida Debono u lis-Sur Pawlu Tonna.

## 5. FINANCIAL STATEMENTS

Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezenta l-*Financial Statements* tal-Kunsill għas-sena 2007/08 li għalqet fil-31 ta' Marzu 2008. Wara diskussjoni li saret fuqhom Kunsill unanimament approva dawn il- *Financial Statements*.

## 6. MOZZJONIJIET

6.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna tgħid : **li l-Kunsill japprova li jsir xogħol bil-*crete print* fi Sqaq San Ġużepp, Sqaq Sant'Andrija Nru. 1 u Nru. 2 u Wesgħet Dun Joe Camilleri, kif ukoll li jinġiebu stimi sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Anton Falzon u Triq Tumas Galea.**

6.2 Meta tkellem fuq il-mozzjoni s-Sindku qal li fi Triq Anton Falzon ġiet solvuta l-problema tad-drenaġġ filwaqt li fi Triq Tumas Galea se ssir estensjoni tad-dranaġġ. Qal ukoll li huwa vera li fi Triq Anton Falzon se jsir xi bini, iżda l-ewwel se jinġiebu l-istimi u l-permessi u sakemm jitlesta x-xogħol tal-bini, inkunu nafu fejn aħna qabel ma jsir ix-xogħol ta' *resurfacing.*

6.3 Dwar Triq Tumas Galea, is-Sur Victor Caruana qal l-ewwel naraw li jitla' ċ-ċint ta' dik l-għalqa tat-Taljan. Insibu min huwa l-Prokuratur u nġagħluh jibni ċ-ċint. Qal ukoll li l-istimi jinġiebu bil-bankini. |ied igħid li jekk il-kuntrattur huwa l-istess wieħed li għamel Sir Ugo Mifsud, qabel ma jagħtina l-istimi, dan il-kuntrattur irid jirranġa Triq Sir Ugo Mifsud u mhux noqogħdu nraqqgħu it-tarmac. Is-Sur Caruana sostna li ma jaqbilx li lil dan il-Kuntrattur nerġgħu nagħtuh ix-xogħol meta tana prodott ħażin

LUQA

6.4 Wara li fakkar li l-Kunsill ma ħariġx flus għax-xogħol ħażin li sar u li l-kuntrattur lest li dik it-triq jerġa' jagħmilha, is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-voti. Din għaddiet b' erba' voti favur u wieħed kontra.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-23 ta' April 2008 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fil-5.15 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 26 ta' Mejju 2008.

| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |
|---|---|